Fit-Tribunal Tal-Konsumatur

Doris Abela

Vs

Christian Borg

CCT 93/22/MM

Illum, 14 ta' Mejju 2026

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ippreżentat fit-22 ta' Ġunju 2022 fejn talbet is-somma ta' erbat elef tlett mija u sitta u sittin ewro (€4,366), wara li l-intimat allegatament naddaf it-tarah tal-komun b'xi kimika li kkaġunat tbajja fuq l-istess taraġ.

Ra r-risposta tal-intimat.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawża.

Sema x-xhieda bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent tispjega li qabbdet lill-intimat biex inaddaf l-irħam kollu tal-komun b'mod professjonali iżda wara li tlesta t-tindif sabet li l-ħaddiema tiegħu kienu tebbgħu l-irħam kollu b'xi kimika jew likwidu li użaw fil-proċess tat-tindif. Hija tgħid li l-irħam kien għadu kif ġie mqiegħed xi ftit żmien qabel.

Illi l-intimat jispjega li ma intużat l-ebda kimika iżda detergent mixtri minn ħanut ġewwa l-Mosta li jintuża minnu f'kull komun li jnaddaf. Illi l-intimat jgħid li l-irħam kien diġa mtebba qabel ma beda t-tindif.

Illi xehedu wkoll Ryan Spiteri, Brandon Abela u Ruben Callus li kkonfermaw li huma lkoll residenti fl-istess blokka u kkonfermaw li r-ritratti preżentati mad-damage report mir-rikorrenti huma tal-istess taraġ mertu tal-kwistjoni. Illi Ryan Spiteri jippreċiża li t-tindif kien ġie mitlub wara li kien għadu kif sar xogħol ta' żebgħa fil-komun tal-blokka.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah" waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, "Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Illi t-Tribunal jinnota li mid-Damages Report esebit mir-rikorrenti imħejji mill-Perit Mark Abela (li minkejja li ma ġiex maħluf qiegħad jiġi dikjarat ammissibli bħala prova), jirriżulta li s-sapun li ntuża għamel reazzjoni kemikali mas-synthetic mateiral tal-madum. Illi fil-kuntest ta' responsabbilita, it-Tribunal iqis illi l-fatturi li jirrigwardaw ir-responsabbiltà huma ċentrali fid-determinazzjoni tal-ħtija jew innoċenza tal-intimat li allegatament ikkawża ħsara lit-taraġ

permezz tal-użu ta' materjali tat-tindif inadegwati. Illi r-rikorrenti ma jidhirx li tat struzzjonijiet lill-intimat dwar x'tip ta' detergents kienu kompatibbli mal-irħam tagħha speċjalment meta tali irħam minkejja li jidher naturali huwa fil-fatt sintetiku u mhux naturali. Illi fin-nuqqas ta' struzzjonijiet wieħed jifhem li l-intimat kien fil-liberta' li juża prodott disponibbli fis-suq li huwa ta' kwalita tajba għat-tindif. Illi l-intimat jispjega li huwa dejjem juża l-istess prodott u li tali prodott ma fiehx aċtu.

Illi t-Tribunal ma jsibx li hemm biżżejjed evidenza li turi li l-intimat mexa kontra l-istruzzjonijiet provduti lilu. Għalhekk filwaqt li l-intimat mhux ser jinstab li għandu ħtija kompleta, it-Tribunal qiegħad isib li l-intimat naqas u kien kemxejn negliġenti meta applika l-prodott b'mod ħażin, madankollu r-rikorrenti għandha responsabbilita' kontributorja u għalhekk it-talba tagħha ser tintlaqa b'mod limitat fid-dawl ta' dan li ingħad fil-paragrafu preċedenti.

Illi dwar it-talba, hu principju stabbilit illi l-Qorti (jew Tribunal) hi marbuta bit-talba kif maghmul fl-att li jniedi l-proceduri (i.e. il-process gudizzjarju). Dwar hekk inghad illi, "*il-funzjoni tat-tribunal, f'kawza partikolari, hi necessarjament limitata bit-termini tad-domanda*" (vide decizjoni riportata f'Kollezz. Vol.XXXIII.II.55). Listess ragunament gie abraccjat f'kawzi relattivament recenti bhal per ezempju, in re **Godwin Azzopardi v. Paul Azzopardi**, (Prim'Awla, 31 ta' Jannar, 2003), in re **Maria Cini v. Lucia sive Lucy Saliba et** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Superjuri, 25 ta' Jannar, 2008) u in re **Alfred Mizzi et v. Warren Attard** (Prim'Awla, 8 ta' Marzu, 2012). Agguntivament, "*il-Qorti ghandha toqghod ghat-termini tal-kawzali u tat-talba kif migjuba fic-citazzjoni; u t-termini uzati f'atti gudizzjarji formali, bhal ma huma l-att tac-citazzjoni, ghandhom jittiehdu u jittiehdu biss fis-sens guridiku taghhom, u mhux fis-sens tal-lingwagg popolari ta' nies profani ghall-ligi; xort'ohra, il-konsegwenzi jkunu kaotici*" (**Alice Amato noe v. Vivian B. DeGray, M.V.O., M.B.E., noe et**, Appell Superjuri, 24 ta' Novembru, 1958 citata b'approvazzjoni fid-decizjoni in re **Hadrian Busietta noe v. Adrian Borg Cardona et**, Appell Superjuri, 6 ta' Ottubru, 2007). Fiha inghad hekk: "*Huwa infatti principju inderogabbli tal-ligi procedurali illi meta tigi biex taghti decizjoni, il-Qorti ghandha obbligu li toqghod ghat-termini tal-kawzali u tat-talba kif mitluba*

fic-citazzjoni." [sottolinear tat-Tribunal].

Illi r-rikorrenti qegħda titlob li jigi restawrat u miġjub lura għall-istat oriġinali tiegħu l-irħam kollu tal-komun. Għalhekk m'huwiex ċar fejn tinkwadra ċ-ċifra ta' erbat elef tlett mija u sitta u sittin ewro (€4,366) mitlub mir-rikorrenti u x'qed jirrapreżentaw. Illi filwaqt li r-rikorrenti preżentat riċevuta 'payment for stairs' maħruġa minn Desana fl-ammont ta' €7,105.54 ir-rikorrenti naqset li tispjega jew tippreżenta stima ta' kemm tiġi l-ispiża sabiex jigi restawrat u miġjub lura għall-istat oriġinali tiegħu l-irħam kollu tal-komun.
Illi t-tribunal jinnota wkoll li r-rikorrenti qegħda taġixxi f'isimha propju u mhux f'isem il-komun tal-blokka ossia administrator taħt il-liġi tal-Kondomini u għalhekk kwalsiasi talba tagħha għandha tkun limitata għall-proporzjon tas-sehem tagħha.

Deċiżjoni

Ghal motivi senjalati dan it-Tribunal qed tilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara Ii qies ic-ċirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qiegħad jordna lill-intimat sabiex fi żmien xahar mil llum jirrestawra u jġib lura għall-istat oriġinali tiegħu l-irħam kollu tal-komunu fin-nuqqas li jagħmel dan qiegħad jistabbilixxi l-ammont ta' kumpens *arbitrio boni viri* fis-somma ta' tlett mii ewro (€300) u qed jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti din is-somma hekk likwidata fi żmien xahar mil llum.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza a karigu tal-intimat.

Avv Dr Martha Mifsud
Arbitru